# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 636/14/5 JVC**

**Francesco Portelli f'ismu proprju u bħala mandatarju speċjali tal-assenti Carmelo Portelli u tal-assenti Mary Portelli, u Theresa Portelli**

**v.**

**Anthony Degiorgio u l-Awtorità tad-Djar għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tas-17 ta' Frar, 2023 magħmula mill-Awtorità tad-Djar taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fl-10 ta' Novembru,

2022, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-17 ta' Ġunju, 2014, l-atturi fissru li huma sidien tal-post bin-numru 46, fi Triq San Franġisk, l-Isla. Jgħidu li l-konvenut Anthony Degiorgio qiegħed jokkupa dan il-post mingħajr ebda titlu validu fil-liġi u dan wara li l-Awtorità tad-Djar jew l-awtur tagħha kienet tagħtu l-permess biex joqgħod hemm bla ma nħarġet ordni ta' rekwiżizzjoni.

3. Iżidu li huma qatt ma għarfu lil Anthony Degiorgio bħala l-kerrej tagħhom u li kienet biss l-Awtorità tad-Djar li tagħtu dan il-post b'kirja ta' madwar €19.61 fis-sena, li żgur ma tirriflettix il-valur tal-kiri tal-imsemmi post fuq is-suq miftuħ. Għalhekk billi skont l-atturi din l-okkupazzjoni ta' Anthony Degiorgio ħolqitilhom ħafna danni u telf ta' qligħ, huma fetħu din il-kawża u talbu lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-fond numru 46, Triq San Franġisk, Senglea mhuwiex rekwiżizzjonat ai termini tal-liġi;*
>
> *2. Tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-fond numru 46, Triq San Franġisk, Senglea mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;*
>
> *3. Tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-fond numru 46, Triq San Frangġisk, Senglea entro terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss u jirrestitwixxi l-fond u jikkonsenja ċ-ċavetta lill-atturi;*
>
> *4. Tiddikjara li bl-aġir tagħhom, l-intimati jew min minnhom, irrendew ruħhom responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi billi l-istess atturi tilfu l-possibbilità li jikru l-fond numru 46, Triq San Franġisk, Senglea b'kirja li tirrifletti l-valur fis-suq tal-istess fond, oltre għan-nuqqas ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond de quo mill-intimat Degiorgio u b'riżultat tal-ħsarat li saru fil-fond u bl-użu tal-istess fond;*

*5. Tillikwida l-ammont ta' danni soffert mill-atturi u/jew l-ammont ta' kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond de quo mill-intimat Degiorgio, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

*6. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont ta' danni u/jew kumpens għall-okkupazzjoni hekk likwidat fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.»*

4. L-Awtorità tad-Djar ressqet żewġ risposti maħlufa: l-ewwel waħda fil-21 ta' Awwissu, 2014 u t-tieni waħda fit-12 ta' Frar, 2020. Fost l-eċċezzjonijiet imressqa minnha kien hemm dawk tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2153** u l-**Artikoli 2156(ċ)** u **(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

5. Il-konvenut Anthony Degiorgio wieġeb għal din il-kawża fid-19 ta' Novembru, 2014 u qal li mhuwiex minnu li qed jokkupa dan il-post bla titlu li jiswa fil-liġi u li lanqas ma huwa minnu li huwa kkawża xi danni lill-atturi.

6. B'sentenza parzjali mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili: (i) laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-Awtorità tad-Djar taħt l-**Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili** dwar il-ħsarat marbuta mat-tibdil stutturali fil-fond, iżda ċaħditha fil-konfront tal-ħsarat marbuta mal-plakek u l-wajers maqlugħin, mal-ilma li ma jaħdimx u mal-kamra tal-banju mhux kompluta; (ii) laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-Awtorità tad-Djar taħt l-**Artikolu 2156(ċ)** u **(f) tal-Kodiċi Ċivili** b'rabta mal-pretensjonijiet ta' likwidazzjoni u ħlas ta' danni mnissla minn allegata

okkupazzjoni illegali tal-post u/jew nuqqas ta' ħlas ta' kera tal-post li tirrifletti l-valur fis-suq; (iii) astjeniet milli tqis it-talba dwar ir-radd lura taċ-ċwievet għaliex dawn ġew imrodda lura waqt li kienet għaddejja l-kawża; u (iv) ordnat it-tkomplija tal-kawża dwar id-danni marbuta mal-plakek u l-wajers maqlugħin, mal-ilma li ma jaħdimx u mal-kamra tal-banju mhux kompluta.

7. Fl-24 ta' April, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mbagħad tat is-sentenza finali tagħha u ddikjarat fost ħwejjeġ oħra: (i) li l-post ma ġiex rekwiżizzjonat skont il-liġi; (ii) li l-konvenut Anthony Degiorgio kien qed jokkupa l-post bla ebda titlu validu fil-liġi; (iii) li l-konvenut Anthony Degiorgio għandu jħallas lill-atturi s-somma ta' €7,000 biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li seħħet fil-post; u (iv) li t-talbiet attriċi huma miċħuda sa fejn jolqtu lill-Awtorità tad-Djar.

8. B'rikors tat-23 ta' Mejju, 2022, l-atturi appellaw kemm mis-sentenza parzjali tal-24 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll mis-sentenza finali tal-24 ta' April, 2022. Fl-aggravji tagħhom, l-atturi talbu lil din il-Qorti tal-Appell sabiex: (i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-Awtorità tad-Djar taħt l-**Artikolu 2153** u l-**Artikolu 2156(ċ)** u **(f)** tal-**Kodiċi Ċivili**; (ii) tillikwida kumpens f'ammont li m'għandux ikun inqas minn €13,500; u (iii) tikkundanna wkoll lill-Awtorità tad-Djar sabiex anke hi tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnhom.

9. Illi b'sentenza mogħtija fl-10 ta' Novembru, 2022, din il-Qorti b'Imħallfin differenti ddeċidiet: (i) li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-Awtorità tad-Djar taħt l-**Artikolu 2153** u l-**Artikolu 2156(ċ)** u **(f)** tal-**Kodiċi Ċivili**; (ii) li tillikwida d-danni bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond inkwistjoni fl-ammont ta' €1,428 bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur, b'dana li filwaqt li l-Awtorità tad-Djar ġiet ikkundannata tħallas din is-somma kollha, Anthony Degiorgio ġie kkundannat li jħallas l-ammont ta' €1,134 solidalment mal-Awtorità tad-Djar; u (iii) kkundannat lill-Awtorità tad-Djar u lil Anthony Degiorgio sabiex iħallsu solidalment bejniethom is-somma ta' €18,500 bħala danni minħabba ħsarat strutturali u ħsarat oħra li kien hemm fil-post meta ġie ritornat lill-atturi, bl-imgħax mid-data tas-sentenza tat-28 ta' April, 2022.

10. Fil-qosor, sa fejn rilevanti għall-għanijiet ta' dawn il-proċeduri ta' ritrattazzjoni, biex waslet għal din is-sentenza, din il-Qorti qieset dawn il-fatturi li ġejjin:

i. Li ladarba l-Awtorità tad-Djar ħadet pussess tal-fond u għaddiet il-fond lil terzi fl-1987, hija kellha obbligu li hekk kif ġiet mgħarrfa min huma s-sidien fl-1993, tieħu l-passi meħtieġa sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha bil-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni;

ii. Li hekk ukoll kif il-kerrej ma kienx qiegħed iħallas il-kera, l-Awtorità tad-Djar setgħet tieħu rwol determinanti u ġġib fi tmiem il-kirja ma' Anthony Degiorgio, sabiex tkun f'pożizzjoni li trodd lura l-fond lill-atturi;

iii. Li l-Awtorità tad-Djar kellha obbligu wkoll li trodd lura l-fond meta dan ma jkunx okkupat b'titlu validu magħruf mis-sid u li trodd il-pussess materjali lis-sid, hekk kif ma jibqgħalhiex ħtieġa tal-fond, speċjalment f'każ tal-lum fejn ma kien hemm l-ebda ordni ta' rekwiżizzjoni;

iv. Li fil-każ tal-lum il-preskrizzjoni applikabbli minħabba l-okkupazzjoni illegali kellha tkun aktar dik kontemplata fl-**Artikolu 2153** tal-**Kodiċi Ċivili** milli dik imsemmija fl-**Artikolu 2156** tal-**Kodiċi Ċivili**;

v. Li huwa minnu li l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili** jistabbilixxi li l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdix għaddej ħlief minn dakinhar li l-azzjoni relattiva tkun tista' tiġi eżercitata, madankollu huwa meqjus ukoll li meta l-att ta' okkupazzjoni illegali ta' fond ikun wieħed kontinwu, fejn l-atturi baqgħu mċaħħda mill-fond tagħhom u ċ-ċwievet intraddu lura lis-sidien fil-mori ta' dawn il-proċeduri, allura ma jistax jingħad li beda għaddej il-perjodu ta' preskrizzjoni qabel ma ġie mrodd lura l-post;

vi. Li dwar il-ħsarat strutturali, ġie ddikjarat li l-obbligu tal-Awtorità tad-Djar mhuwiex biss li trodd il-pussess tal-fond lis-sid, iżda li l-fond troddu fi stat tajjeb ta' tiswija;

vii. Li l-fond inkwistjoni ġie lura f'idejn l-atturi fl-4 ta' Novembru, 2014 meta Anthony Degiorgio tahom iċ-ċavetta u għalhekk kien minn dakinhar tal-konsenja li ġie kristallizzat in-nuqqas tal-Awtorità li trodd il-fond fi stat tajjeb, u kien minn dakinhar li bdiet allura għaddejja l-preskrizzjoni;

viii. Li peress li f'dan il-każ il-kawża nfetħet qabel ma ntraddew lura ċ-ċwievet allura t-talba għad-danni minħabba ħsarat strutturali fil-post ma tistax titqies bħala preskritta;

ix. Li l-Awtorità tad-Djar ma tistax tfarfar mir-responsabbiltà ladarba kienet hi li għaddiet il-fond l-ewwel lil Salvina Grixti, imbagħad lil Anthony Degiorgio u dan mingħajr ma ħarġet ordni ta' rekwiżizzjoni;

x. Li n-nuqqas ta' ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni ma jeħlisx lill-Awtorità tad-Djar mill-obbligu li tiġbor il-kera għall-atturi, li ttemm il-kirja minħabba li ma kinitx qiegħda titħallas il-kera u li trodd il-post lura fi stat ta' tiswija tajba; u

xi. Li b'kollox id-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom l-Awtorità tad-Djar huma €19,928 maqsumin hekk: €1,428 għall-okkupazzjoni illegali u €18,500 għall-ħsarat fil-post.

11. Issa l-Awtorità tad-Djar ressqet rikors fis-7 ta' Frar, 2023, għaliex qiegħda tgħid li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti tiġi ritrattata skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

12. Issostni li hi u tistħarreġ l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni, din il-Qorti naqset milli tħaddem dak imsemmi fl-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid li l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

13. Skontha f'dan il-każ, il-punt ta' tluq tal-preskrizzjoni ma kienx mill-jum li l-atturi ħadu l-post lura iżda mill-jum li ġraw il-ħsarat. Targumenta li l-atturi kienu jafu qabel ma fetħu din il-kawża li d-dar kellha dawn il-ħsarat. Għalhekk tisħaq li din il-Qorti applikat il-liġi l-ħażina biex tiddetermina d-data minn meta kellha titlaq il-preskrizzjoni u b'hekk talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li jeżistu raġunijiet biżżejjed għar-ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta'*

*Novembru, 2022 fl-ismijiet Francesco Portelli f'ismu proprju u bħala mandatarju speċjali tal-assenti Carmelo Portelli u tal-assenti Mary Portelli u Therese Portelli v. Anthony Degiorgio u l-Awtorità tad-Djar għal kull interess li jista' jkollha (Rik. Ġur. 636/14/4 JVC) ai termini tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Novembru, 2022 fl-ismijiet Franceco Portelli f'ismu proprju u bħala mandatarju speċjali tal-assenti Carmelo Portelli u tal-assenti Mary Portelli u Therese Portelli v. Anthony Degiorgio u l-Awtorità tad-Djar għal kull interess li jista' jkollha (Rik. Ġur. 636/14/4 JVC).. ;*

*3. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża;*

*4. Tgħaddi għas-smigħ tal-kawża u tiddeċiedi l-istess, billi sa fejn jolqot lill-Awtorità esponenti, tiċħad l-appell interpost mill-atturi biex b'hekk takkolji l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-Awtorità esponenti.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi»*

14. La l-atturi u lanqas il-konvenut Anthony Degiorgio ma wieġbu għal dan ir-rikors.

15. Inżammet seduta fid-9 ta' Novembru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni.

17. Dan l-istitut huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-

eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara ***Boris Arcidiacono et v. Salvu Schembri et***, Appell Superjuri tal-14 ta' Ottubru, 2014).

18. Talba ta' ritrattazzjoni għalhekk mhix appell mis-sentenza f'dik il-kawża, bħalma lanqas ma hi okkażjoni oħra biex il-parti telliefa terġa' tressaq l-argumenti tagħha wara li dawk l-argumenti ma rebbħulhiex il-kawża (ara ***Herbert Baldacchino noe v. Cecil Pace et noe et***, Appell Superjuri tat-22 ta' April, 2004).

19. Fil-każ tal-lum l-Awtorità ritrattandi tgħid li hemm lok ta' ritrattazzjoni tas-sentenza tal-10 ta' Novembru, 2022 skont l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex skontha din il-Qorti injorat fis-sentenza tagħha milli tqis u tħaddem l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**, artikolu dan, li jitkellem b'mod ġenerali dwar minn meta għandu jitlaq iż-żmien tal-preskrizzjoni.

20. Fis-sempliċità tiegħu, l-argument tal-Awtorità ritrattandi huwa li kieku ġie applikat l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**, din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru, 2022 kienet tasal għall-konklużjoni li f'dan il-każ it-terminu tal-preskrizzjoni għall-azzjoni tad-danni ma kienx jibda mid-data ta' meta l-atturi reġgħu ħadu f'idejhom il-post, iżda kien jibda mid-data ta' meta żviluppaw il-ħsarat.

21. Din il-Qorti kif inhi komposta, però ma taqbilx mal-Awtorità ritrattandi li din hija raġuni tajba biżżejjed biex hija tista' titlob ir-ritratazzjoni ta' kawża taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

22. Hemm raġuni tajba ta' ritrattazzjoni taħt din il-kawżali jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, jirriżulta li l-Qorti tkun applikat artikolu tal-liġi flok ieħor li kellu suppost jiġi applikat (ara ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

23. Fil-każ tagħna, l-Awtorità ritrattandi ma tgħidx liema kien dak l-artikolu tal-liġi li ġie wżat u msemmi ħażin fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Fir-rikors tagħha hija tillimita ruħha biss biex tgħid li l-Qorti tal-Appell ma applikatx l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**. Dan iżda mhux biżżejjed biex tkun tista' tintlaqa' talba għar-ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(e)**. Dan għaliex l-Awtorità ritrattandi għandha d-dmir li tindika mhux biss l-artikolu tal-liġi li ġie injorat fis-sentenza attakkata u li suppost kellu jiġi mħaddem, iżda l-Awtorità ritrattandi għandha d-dmir li tindika wkoll liema kien dak l-artikolu tal-liġi li fil-fehma tagħha ġie mħaddem flok dak it-tajjeb fis-sentenza attakkata (ara ***Frank Calleja v. Charles Paul Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Novembru, 2022 u ***Joseph Vella v. Juda Taddeo sive Teddy Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta'

Diċembru, 2022).

24. Tassew taħt il-kawżali ta' tħaddim ħażin tal-liġi, dak li jrid jintwera huwa li s-sentenza attakkata tkun ħaddmet liġi b'oħra, u mhux li ma tħaddmitx liġi li setgħet kienet tgħodd għall-każ iżda li ma ntużatx (ara ***Jeremy S. Harris nomine v. Patrick Spiteri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Lulju, 2023).

25. F'kull każ, din il-Qorti ma taqbilx mal-Awtorità ritrattandi li din il-Qorti fis-sentenza attakkata injorat dak li jgħid l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**. Fil-fatt din il-Qorti f'paragrafu 32 tas-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru, 2022 irreferiet għal dan l-artikolu tal-liġi u interpretatu fis-sens li f'dan il-każ it-terminu tal-preskrizzjoni ma setax ħlief jitlaq minn meta l-post ġie lura għand l-atturi.

26. L-Awtorità ritrattandi tista' targumenta li din il-konklużjoni ma tirriflettix dak li jiddisponi l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili**, *viz*. illi l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Dan l-argument però mhuwiex fattur li jagħtiha jedd illi titlob smigħ mill-ġdid tal-appell taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

27. Is-sentenza għandha titħassar taħt dan il-motiv ta' ritrattazzjoni, mhux meta l-Qorti tinterpreta u tapplika l-liġi ħażin iżda meta tapplika liġi flok oħra li tgħodd għall-każ, *i.e.* mhux għax tkun applikat ħażin il-liġi applikabbli iżda għax tkun applikat il-liġi l-ħażina. Fi kliem ieħor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-liġi ħażina meta l-Qorti tkun applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ (ara ***FM Core Limited v. Ministeru ta' Għawdex et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023).

28. Fil-każ tagħna, m'għandniex sitwazzjoni li din il-Qorti injorat dak li jiddisponi l-**Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili** kif tgħid ħażin l-Awtorità ritrattandi. Mod ieħor, għandna sitwazzjoni li din il-Qorti applikat dan l-artikolu f'din il-kawża b'mod u manjiera li ma għoġobx lill-Awtorità ritrattandi. B'daqshekk dan ma jagħtix lill-Awtorità ritrattandi l-jedd li titlob ritrattazzjoni tas-sentenza fuq il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex jekk hemm bżonn illi jerġa' jingħad, ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi wżata liġi li ma kinitx tapplika għall-każ minflok liġi oħra li tgħodd għall-każ.

29. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti ma taqbilx mal-Awtorità ritrattandi li f'dan il-każ jirriżultaw dawk iċ-ċirkostanzi sabiex hija tkun tista' tordna r-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell skont l-**Artikolu 811(e)**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** it-talbiet kollha tal-Awtorità tad-Djar għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Novembru, 2022, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da